L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: 16 ta' Jannar, 2004

# Edukazzjoni b'donazzjoni

Ma rridx inkun negattiv. Izda kemm-il darba qieghed jghaddi s-suspett li f'pajjizna qieghda titrawwem kultura ta' karità u ta' multi ghas-semplici ragun li fejn ma jaslux it-taxxi ma jaslux dawn.

Il-karità daqskemm issir ma' persuni fil-bzonn u ghaqdiet filantropici qieghda ssir mal-gvern ghax fejn ma jasalx hu ma tasalx il-karità. Li hu allarmanti hu li dak li qieghed jintalab ihallas il-poplu f'forma ta' karità qieghed jikber minn sena ghall-ohra. Jiena bniedma li nista' nghid li kkontribwejt f'dawn il-jiem ta' karità. Izda xorta wahda jibqaghli ftit tad-dubju jekk hinix qieghda naghmel l-ahjar haga billi sempliciment naghti l-flus. Jista' jkun li nkun qieghda naghmel hafna iktar gid billi nikkritika l-gvern u nipprova ngieghlu jbiddel ftit id-direzzjoni! Wara kollox kieku l-Prim Ministru tella' l-karozza li xtara ghalih innifsu lotterija forsi konna ntellghu z-zewg miljuni ghall-karità. Jista' jkun ukoll li flok ma ghinna bil-flus lil nies li ghandhom bzonn, konna nkunu ghinna hafna iktar kieku vvutajna ahjar fl-ahhar elezzjonijiet ghax kien ikollna *budget* ahjar! Jigifieri kif intqal mill-isqfijiet fil-jiem ta' festi – mhux il-flus kollox!

Ta' min isemmi d-dikjarazzjoni ta' l-Isqof Cauchi xi gimghat ilu fejn qal li l-iskejjel tal-Knisja qeghdin f'qaghda finanzjarja kerha minhabba l-fatt li l-gvern qieghed inaqqas is-sussidji lill-istess skejjel. Ma rridx inkun partiggjana, izda ghalkemm kulhadd jaf li l-Partit Laburista kien dak il-partit li dejjem holoq konfronti diretti mal-Knisja u fit-tmeninijiet il-konflitt li nholoq kien direttament dwar l-iskejjel tal-Knisja, kellu jkun proprju Gvern Nazzjonalista li mhux talli ha l-artijiet tal-Knisja (ghalkemm forsi mhux bid-dnewwa) izda talli se jkun hu li jibghat l-istess skejjel tal-Knisja l-bahar! U jekk irrid inkun iktar wicci tost nghid li kieku baghat l-iskejjel tal-Knisja biss il-bahar konna nghalqu ghajn wahda – l-isfortuna hija li mhux l-iskejjel tal-Knisja biss sejrin il-bahar! Meta niftakru li l-gvern taghna s-sena li gejja se jhallas iktar imghaxijiet fuq djun milli fuq edukazzjoni, nindunaw kif kollox sejjer il-bahar.

Izda llum proprju nixtieq li nitkellem b'solidarjetà ma' l-iskejjel tal-Knsija. Dan l-ahhar giet f'idejja talba ghal donazzjoni minn skola tal-Knisja partikulari. Ghal darba'ohra mhux se tissemma' l-iskola ghal ragunijiet etici, izda kwalunkwe informazzjoni hija veriterja.

Fl-appell ghad-donazzjoni d-Direttur ta' l-iskola jghid li l-iskejjel tal-Knisja kif miftiehem fil-ftehim bejn il-gvern u l-Knisja, ghandhom jigu moghtija soma li tkopri s-salarji ta' l-ghalliema u 10% ta' l-ispejjez amministrattivi. L-iskola partikulari tammetti li dak li qieghda tiehu minghand il-gvern fil-fatt ihalliha tiffaccja spejjez ta' Lm90,000 wahedha li trid taghmel tajjeb ghalihom hi. L-iskola tghid li s-sena l-ohra biss intefqu Lm23,000 f'*maintenance*, Lm25,000 f'servizzi tad-dawl u ta' l-ilma, Lm10,000f'karti u *stationery*.

Id-Direttur, fl-indirizz tieghu, ikompli jghid li s-sena ddiehla se titfa' fuq spallejn il-*management* ta' l-iskola l-inkarigu ta' Lm231,000. B'mod matematiku ghall-ahhar id-Direttur imbaghad jaqsam din is-somma bejn in-numru ta' studenti – li huwa 1,400 u sahansitra jhalliha f'idejn il-genituri biex jikkalkulawha halli jiddeciedu huma kemm jaghtu lill-iskola – jekk hux aktar jew inqas minn hekk. Meta hdimt kemm jigu fuq kull student Lm231,000 dawn jigu Lm165 kull student.

Interessanti li d-Direttur ihalli f'idejn il-genituri d-donazzjoni taghhom halli kemm jista' jkun jzidu mad-donazzjoni t-*tips* li hafna drabi ha tiddependi kemm mill-mezzi tal-genituri kif ukoll mill-mod kif titmexxa l-iskola u s-servizz li toffri matul is-sena. Id-Direttur imbaghad jaghti rendikont ta' l-ispejjez li ghandhom jintefqu s-sena ddiehla. Lm35,000 investimenti fi *playing areas*, Lm15,000 f'edukazzjoni inklussiva, Lm10,000 f'ghamajjar, Lm20,000 imnizzla bhala "*school requisites*" u d-deficit li spiccat is-sena l-ohra bih ta' Lm90,000 digà msemmi hawn fuq. Progetti ohra jinkludu *lift*, xoghlijiet fuq *parking area* u hrug ta' emergenza u *toilet* fis-sala ta' l-iskola.

Wiehed japprezza wkoll is-sincerità tad-Direttur ta' l-iskola fid-dikjarazzjoni ta' l-ispejjez tieghu u l-genitur li pprovdieni l-informazzjoni qalli wkoll li din hija skola tajba. Però ghalija hija wkoll turija tal-faqar modern li qieghed jifni 'l pajjizna.

Ma ninsewx ukoll li anke fl-iskejjel tal-Knisja jezistu diversi studenti li gejjin minn familji b'genitur wiehed jew separate jew problemi socjali ohra.

U l-ahhar kumment tieghi bhala persuna li ghandi wkoll esperjenza fit-taghlim huwa dwar il-kwalità ta' l-iskejjel tal-Knisja u privati. Haddma jrid jinsa li jekk l-istess skejjel tal-Knisja u privati jonqsulhom il-fondi hemm biss zewg toroq; jew li jaghlqu l-bibien jew li jnaqqsu l-kwalità ghax jibdew jaccettaw iktar studenti biex ikollhom iktar fondi. Gieli hadt l-impressjoni li skejjel privati jippruvaw juru li hemm livell gholi fl-iskola taghhom billi jaghtu marki gholjin mentri l-livell ikun ferm baxx milli jidher fuq ir-rizultati. Dawn l-abbuzi wkoll jistghu jsiru u jekk skejjel bhal dawn jigu f'diffikultà jista' jkun li kazijiet bhal dawn jibdew jigru wkoll. U b'hekk lanqas min ikun qieghed jippreferixxi jhallas l-edukazzjoni lil uliedu biex minghalih ihallsilhom edukazzjoni ahjar ma jkun qieghed jirnexxilu jikseb edukazzjoni ahjar ghal uliedu. U jekk il-poplu jitlef il-fiducja fi skejjel bhal dawn jispicca kemm ghal dawn ir-ragunijiet kif ukoll minhabba d-diffikultajiet finanzjarji tal-familja jibghat lil uliedu fi skejjel ta' l-istat u ma jserrahx lill-istess stat mill-piz ta' iktar studenti fl-iskejjel tal-gvern. U c-ciklu tal-problemi dejjem jikber. U dan huwa mod iehor kif Gvern Nazzjonalista jkun qieghed jerga' jitfa' l-gebla fuq saqajh u flok isolvi problemi jkun qieghed johloqhom.

Ghal kummenti u suggerimenti: lornav@onvol.net